Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 307/2018: **AWTORITÀ TAL-IPPJANAR V. JOSEPH MICALLEF (KI. 52955M) U ISAAC MICALLEF (KI. 558986M)**

(IRKUPRU TA' AMMONTI DOVUTI LILL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR TAĦT L-ARTIKOLU 100(6) TAL-ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP – KAP. 552, ART. 100(6) – OPPOSIZZJONI TAD-DEBITUR GĦAL TALI PROĊEDURA – KAP. 552, ART. 100(7) – META SSIR APPLIKAZZJONI GĦALL-PERMESS GĦALL-IŻVILUPP QABEL MA' JISKADI T-TERMINU TA' AVVIŻ TA' WAQFIEN U TWETTIQ – KAP. 552, ART. 97(8) – MULTA TA' KULJUM META PERSUNA TONQOS MILLI TIKKONFORMA RUĦHA MA' AVVIŻ TA' TWETTIQ ENTRO T-TERMINU PRESRKITT – KAP. 552, ART. 100(4), L.S. 552.24, ART. 3)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Ottubru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Joseph Micallef u Isaac Micallef ("ir-rikorrenti") ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2008 presumibilment ai termini tal-Art. 100(7) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat ir-risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar ("l-intimata", "l-Awtorità" jew "l-Awtorità intimata") ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2019[1],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u/jew qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

---

[1] Fol 8

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Mary Grace Vella, li inoltre issottomettiet trattazzjoni bil-miktub,
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Melanie Sammut,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Introduzzjoni

1. Ir-rikorrenti aġixxew taħt l-Art. 100(7) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jopponu talba magħmula mill-Awtorita' intimata permezz tad-dikjarazzjoni taċ-*Chairman* Eżekuttiv tagħha tad-9 ta' Novembru 2018 li ġiet notifikata lill-intimati permezz tal-ittra uffiċjali numru 3829/2018 ippreżentata fit-12 ta' Novembru 2018. Ta' min jgħid illi fir-rikors tagħhom r-rikorrenti ma' taw l-ebda indikazzjoni ta' liema talba speċifika huma kienu qegħdin jikkontestaw u ma' saret l-ebda riferenza għal xi ittra uffiċjali lanqas fl-okkju tal-kawża nnifisha. Kien biss fi stadju tardiv u bis-saħħa ta' affidavit rilaxxat mill-Awtorita' intimata illi ġiet ippreżentata fl-atti kopja ta' din id-dikjarazzjoni u ittra uffiċjali[2]. Il-Qorti tawspika li darb' oħra l-avukati tar-rikorrenti ikunu iżjed korretti u preċiżi fl-użu tal-għodda li l-leġislatur jippreskrivi fil-liġijiet proċedurali inkluż li l-okkju nnifsu jkun jirrifletti li r-rikors promotur huwa "*fl-atti tal-ittra uffiċjali ...*"

2. Fit-talba tagħhom ir-rikorrenti jgħidu li fl-ittra uffiċjali surreferita huma rċevew talba sabiex iħallsu multa ta' ħames mija u tletin euro (€530), liema multa pero' jisħqu illi kellha tieqaf in kwantu huma kienu għamlu applikazzjoni għal *sanctioning* bin-numru uffiċjali PA 5576/18 (li a propożitu lanqas ma' ġiet esebita kopja tagħha mar-rikors).

3. Fir-risposta, l-Awtorità intimata tgħid li l-ammont huwa dovut skond il-liġi u ai termini tal-Regolament 4(2) tal-Avviż Legali 276 tal-2012, il-multa ta' kuljum imposta mill-Awtorità tibqa' tgħodd u tkun dovuta *"irrispettivament jekk din l-applikazzjoni tkunx ġiet approvata, miċħuda jew mwarrba".*

### Fatti tal-każ

[2] Fol 78-81

4. Mill-affidavit tar-rappreżentant ġuridiku tal-Awtorità intimata **Marthese Debono**[3], liema testimonjanza fil-parti l-kbira tagħha ma' ġietx kontradetta mir-rikorrenti, jirriżulta illi fit-23 ta' Awwissu 2017 l-Awtorità ħarġet Avviż ta' Waqfien u Twettiq (bin-numru EC/199/17) lir-rikorrent Joseph Micallef fir-rigward ta' ksur tal-kontroll tal-ippjanar konsistenti fi żvilupp mingħajr permess fil-fond "Micallef Farmhouse", tal-Ħandaq, l/o Żebbuġ. Fost l-affarijiet elenkati li kienu jikkonsistu fi żvilupp mingħajr permessi kien hemm speċifikat "*tinda quddiem l-istruttura ta' ġewwa li qiegħda sserraħ fuq pilastri tal-ġebel tal-franka*". L-Avviż kien *inter alia* jinkludi l-ordni sabiex ir-rikorrent jneħħi kull żvilupp li għandu mingħajr permess u jreġġa lura s-sit għall-istat oriġinali tiegħu fi żmien sittax-il ġurnata. L-Avviż kien jistipula ukoll illi l-ksur tal-kontroll tal-ippjanar konsistenti fl-*"estensjoni ta' tinda li qegħda sserraħ fuq pilastri magħmula mill-ġebel tal-franka"* kien jikkwalifika għal penali kif elenkat fl-Iskeda ta' multi għal kull ġurnata taħt l-Avviż Legali 276 tal-2012. Joseph Micallef irċieva dan l-Avviż fil-31 ta' Awwissu 2017.[4]

5. L-istess Avviż ta' Waqfien u Twettiq inħareġ mill-Awtorità lir-rikorrent l-ieħor Isaac Micallef fis-7 ta' Settembru 2017 u ġie notifikat lilu fit-28 ta' Settembru 2017.[5]

6. Ma' daħal l-ebda appell minn dan l-Avviż quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni (EPRT).

7. Fit-13 ta' Ġunju 2018 l-Awtorità bagħtet fattura lir-rikorrenti bin-numru 10239 għall-ħlas ta' ħames mija u tletin euro (€530) li jirrappreżenta l-multa imposta fuqhom għall-perjodu li jkopri l-31 ta' Awwissu 2017 sat-8 ta' Ġunju 2018.[6]

8. Fid-19 ta' Jannar 2018 ir-rikorrent Isaac Dimech issottometta applikazzjoni mal-Awtorità għal *Full Development Permission* bin-numru PA 5576/18: *"To sanction the construction of three rooms and hard landscaping for the production and packing of sun dried tomatoes, the application also included the sanctioning of the reconstruction of dilapidated rubble walls.".* Għalhekk l-azzjoni diretta kontra r-rikorrenti ġiet sospiża pendenti l-eżitu ta' din l-applikazzjoni.

9. Fis-26 ta' Ottubru 2018 intbagħtet ittra bonarja lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-multa in kwistjoni u meta dawn baqgħu inadempjenti l-Awtorità rrikorriet għall-

---

[3] Fol 38-84
[4] Fol 67
[5] Fol 68
[6] Fol 71

proċedura misjuba taħt l-Art. 100(6) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tiġbor dak dovut lilha mir-rikorrenti.

10. L-applikazzjoni PA 5576/18 ġiet rifjutata mill-Awtorità. Però r-rikorrenti intavolaw appell quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar minn din id-deċiżjoni, liema appell għadu pendenti.

11. Fit-3 ta' Frar 2020 ir-rikorrent Isaac Micallef issottometta applikazzjoni oħra għal żvilupp mal-Awtorità bin-numru PA 1616/20: "*To sanction sheep farm and carry out alterations as recommended by veterinary department*", liema applikazzjoni jekk tintlaqa' jkollha l-effett li tissanzjona l-illegalijtajiet kollha elenkati fl-Avviż ta' Waqfien u Twettieq in kwistjoni. Għalhekk l-Awtorità żammet pendenti l-azzjoni diretta tagħha taħt l-Avviż sakemm ikun hemm eżitu finali fuq tali applikazzjoni.

**Provi**

12. Permezz tal-affidavit maħluf tiegħu tas-7 ta' Marzu 2019, **Simon Gaetan Dominic Spiteri**[7], rappreżentant tal-perit ingaġġat mir-rikorrenti, xehed fost affarijiet oħra illi:

*"l-illegalitajiet illi hemm f din il-proprjeta' kienu hemm qabel is-sena 2012, u dan kif qed jidher mil-aerial photo illi qieghed jiġi hawn anness u mmarkat bħala DOK SS3. Illi, mis-sena 2012 sal-lum dawn l-illegalitajiet ghadhom l-istess, u ghaldaqstant ma sarx xi xoghol iehor ta' illegalijiet fil-proprjeta' tal-attur, jew inkella illi ghadu ghaddej xi xoghol fl-istess proprjeta' u dan jista' jigi ikkonferrnat mill-aerial photo hawn annessa u mmarkata bhala Dok SS4."*

13. Fl-affidavit maħluf tiegħu tas-7 ta' Marzu 2019, ir-rikorrent **Isaac Micallef** xehed illi

*"għal din il-proprjeta jien applikajt ghas-sanzjonar, illi ghandu in-numru PA 5576/18, sabiex xi zviluppi illi saru fiha qabel is-sena 2012 minghajr permess jigu sanzjonati. llli jekk is-sanzjonar jigi approvat hemm multa illi trid tithallas sabiex jigi legalizzat dan l-isvilupp. llli fl-istess perjodu fejn kont qed nipprepara sabiex tigi sanzjonata din il-proprjeta', intbghatet enforcement notice fuq l-istess proprjeta', sabiex jitwaqqaf minnufih dan l-izvilupp, fejn dan kien ilu Ii waqaf rninn qabel s-sena 2012. Illi din I-enforcement letter kienet tirrikorri maghha multa kuljum. Illi apparti minnhekk qatt ma sar l-ebda zvilupp iehor wara id-data tas-sena 2012, u ghaldaqstant kull tip ta'*

[7] Fol 12

*svilupp illegali illi hemm gewwa din il-proprjeta' ma tkomplhiex u kien waqaf qabel is-sena 2012, u huwa kollu kopert bl-istess applikazzjoni tas-sanzjonar hawn fuq mnizzel."*

14. L-imsemmija **Marthese Debono** fix-xhieda tagħha mogħtija *viva-voce* fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021 ikkonfermat li l-multa mertu ta' din il-kawża ħarġet għal illegalitajiet li saru **wara l-2012**. In sostenn ta' dan hija ppreżentat dokument ossia *Enforcement Officer's Report* rilaxxat fit-28 ta' Lulju 2017 f'liema dokument l-*Enforcement Officer* Robert Attard kien indikat fost affarijiet oħra illi: *"Most of these illegalities are first visible on the 2012 Aerial Photos. The concrete paving and part of the canopy is visible on the 2013 Google Maps, while* ***the 2016 Aerial Photo shows that the canopy was extended between 2013 and 2016*** *(*enfasi u sottolinear miżjuda mill-Qorti*). As such, an Enforcement Notice is being issued subject to a partial daily fine at Category A. The structure subject to the daily fine is the extended part of the canopy"*[8]

**Kunsiderazzjonijiet**

15. Il-Qorti tissottolineja illi inizjalment il-kontestazzjoni tar-rikorrenti u r-raġuni unika 'l għala huma intavolaw din il-proċedura kienet illi skond huma l-multa ta' kuljum imposta mill-Awtorità ma' kienetx tapplika stante illi huma intavolaw applikazzjoni għal *sanctioning* mal-istess Awtorità. L-Awtorità fir-risposta tagħha saħqet illi ai termini tal-Regolament 4(2) tal-Avviż Legali 276 tal-2012, il-multa ta' kuljum imposta mill-Awtorità tibqa' tgħodd u tkun dovuta irrispettivament jekk din l-applikazzjoni tkunx ġiet approvata, miċħuda jew mwarrba.

16. Skond l-Art. 100(4) tal-Kap. 552:

**'100 (4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dak l-avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli. Meta l-avviż ikun ġie appellat u l-avviz ta' twettiq ikun ġie kkonfermat mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell**

[8] Fol 90-91

**(Ġurisdizzjoni Inferjuri), kif ikun il-każ, il-multa ta' kuljum għall-kontinwazzjoni tal-illegalità għandha tkun ikkalkolata mid-data oriġinali notifikata fl-avviż ta' twettiq:**

**Iżda l-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dati differenti minn meta l-multi ta' kull jum jibdew jiġu kkalkulati.'**

17. Skond l-Art. 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 276 tal-2012, kif emendat):

    **'3. (1) Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skont l-artikolu 86 jew 88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal- Iżvilupp fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda.'**

18. L-Artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp imsemmi fl-artikolu preċitat (taħt liema Artikolu l-Awtorità kienet toħroġ l-Avviżi ta' Waqfien u Twettiq) huwa analogu għal u ġie suċċedut mill-Art. 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar L-Ippjanar tal-Iżvilupp).

19. Skond l-Art. 97 tal-Kap. 552, Avviż ta' Waqfien u Twettiq *'għandu jkun effettiv mal-għeluq ta' dak iż-żmien, li ma jkunx inqas minn ħmistax-il ġurnata u mhux aktar minn sittin ġurnata min-notifika tiegħu, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż.'* [9] Inoltre, '*meta ssir applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp* ***qabel*** (emfasi mill-Qorti) *ma jiskadi l-perjodu msemmi ... (a) biex jinżammu fuq l-art xi bini, xogħlijiet jew żvilupp li għalihom ikun jirreferi avviż ta' twettiq; jew (b) biex jissanzjona l-kontinwazzjoni tal-użu tal-art li għalih ikun jirreferi l-avviż ta' twettiq, l-effett tal-avviż għandu, dwar kull ħtieġa minbarra dik li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar attività u, jew żvilupp jew tirrikjedi t-twaqqif ta' użu, jiġi sospiż sakemm l-applikazzjoni tiġi deċiża b'mod finali. Jekk il-permess li għalih tkun saret l-applikazzjoni jingħata u jsir operattiv, l-avviż ta' twettiq ipso jure ma jkollux aktar effett.'*[10]

[9] Kap. 552, Art. 97(7)
[10] Kap. 552, Art. 97(8)

20. Mill-provi rriżulta illi l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq kellu terminu ta' sittax-il (16) ġurnata sabiex matulhom il-persuna notifikata jneħħi l-iżvilupp illegali u jreġġa lura s-sit għall-istat oriġinali tiegħu. Irriżulta ukoll illi l-Avviż ma' ġiex appellat u li l-applikazzjoni għas-sanzjonar mir-rikorrent Isaac Micallef daħlet ċirka erba' xhur wara, ċioe fid-19 ta' Jannar 2018 u mhux qabel ma' skada t-terminu. Dan iġib bħala konsegwenza illi ai termini tal-Art. 97(8) tal-Kap. 552, l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq anqas kellu għalfejn jiġi sospiż sakemm l-applikazzjoni tiġi deċiża b'mod finali.

21. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku l-applikazzjoni għas-sanzjonar daħlet qabel ma' skada t-terminu ta' sittax-il ġurnata tal-Avviż ta' Waqfien u Twettiq, l-Art. 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi) jipprovdi illi:

    **'4 (2) Meta l-persuna notifikata bl-avviż tippreżenta applikazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 86(9) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-multa tkun dovuta minn dik il-persuna, wara d-deċiżjoni ta' dik l-applikazzjoni, b'effett minn wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż skont id-dispożizzjonijiet tal-Att irrispettivament jekk dik l-applikazzjoni tkunx ġiet approvata, miċħuda jew imwarrba.'**

22. Dan ifisser illi li kieku l-applikazzjoni bin-numru PA 5576/18 daħlet qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sittax-il ġurnata tal-Avviż ta' Waqfien u Twettiq, il-multa kienet xorta waħda tibqa' tiddekorri (minn wara s-sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-Avviż) iżda però tiġi pagabbli biss wara d-deċiżjoni fuq dik l-applikazzjoni u dan irrispettivament minn jekk l-applikazzjoni tkunx ġiet approvata, miċħuda jew imwarrba.

23. Issa fil-każ in eżami, l-applikazzjoni bin-numru PA 5576/18 ma' daħlitx qabel l-iskadenza tat-terminu prefiss fl-Avviż ta' Waqfien u Twettiq u għalhekk apparti li l-multa baqgħet tiddekorri mis-sittax-il ġurnata wara n-notifika tal-Avviż, l-Awtorità kellha u għad għandha l-jedd illi tesiġi l-pagament tal-multa ta' kuljum meta trid, mingħajr ma' tistenna l-eżitu (irrispettivament minn jekk huwiex pożittiv jew negattiv) tal-applikazzjoni in kwistjoni. Mill-provi jirriżulta illi l-applikazzjoni ġiet rifjutata u li però d-deċiżjoni ġiet appellata quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Ċio nonostante l-multa baqgħet tiddekorri u l-Awtorità m'għandhiex għalfejn tistenna sad-data ta' deċiżjoni finali biex titlob il-ħlas tal-multa.

24. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq ġie appellat mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, f'liema każ skond l-Artikolu 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 huwa biss jekk u meta l-Avviż jiġi kkonfermat mit-Tribunal illi l-multa, dekoribbli wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-Avviż, tkun dovuta.

25. Għalhekk it-talba kif postulata mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom m'għandhiex mis-sewwa u m'huwiex il-każ li l-multa kellha tieqaf fil-mument li daħlet l-applikazzjoni għas-sanzjonar.

26. Fi stadju ulterjuri, mill-provi u anke min-nota ta' sottomissjonijiet finali sottomessa minnhom, ir-rikorrenti qajjmu l-kwistjoni illi l-illegalitajiet in kwistjoni seħħew qabel l-2012 u kwindi l-multa ta' kuljum imposta ai termini tal-Art. 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 276 tal-2012, kif emendat) ma' kelliex tapplika. Skond l-Artikolu 3(1) imsemmi, tali multa tapplika biss *"fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti".*

27. Ir-Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi (L.S. 552.24) oriġinalment imsemmija "Ir-Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata", daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Novembru 2012 permezz tal-Avviż Legali 276 tal-2012[11].

28. Fl-affidavits mressqa mir-rikorrenti ġie allegat illi l-illegalitajiet kollha twettqu qabel din id-data. Inoltre r-rappreżentant tal-Perit sostna illi anke kif jidher mill-*aerial photos* tal-Awtorità ma' sar l-ebda xogħol ieħor wara l-2012. Ġew esebiti mal-affidavit ta' dan il-persuna l-Ortho Imagery Photo meħud fl-2012[12] u l-Ortho Imagery Photo meħud fl-2016[13]. Il-Qorti bla tlaqliq tara li din is-sottomissjoni hija skorretta jekk mhux addirittura qarrieqa. Dan għaliex differenzi bejn iż-żewġ ritratti tabilħaqq jidhru, bl-iktar waħda importanti tkun dik illi filwaqt li fir-ritratt tal-2012 it-tinda (*canopy*) ma' tidhirx, f'dik tal-2016 tidher b'mod ċar. Dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhieda mogħtija minn Marthese Debono fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021 fejn ġie esebit *Enforcement Officer's Report* rilaxxat fit-28 ta' Lulju 2017. F'dan ir-rapport, l-*Enforcement Officer* Robert Attard indika fost affarijiet oħra illi: *"Most of these*

[11] A.L. 276 tal-2012, Art. 1(2)
[12] Fol 18
[13] Fol 19

*illegalities are first visible on the 2012 Aerial Photos. The concrete paving and part of the canopy is visible on the 2013 Google Maps, while* ***the 2016 Aerial Photo shows that the canopy was extended between 2013 and 2016*** *(*enfasi u sottolinear miżjuda mill-Qorti*). As such, an Enforcement Notice is being issued subject to a partial daily fine at Category A. The structure subject to the daily fine is the extended part of the canopy"*[14]

29. Il-Qorti hawn tissottolineja illi hija m'hijiex qed tagħmel riferenza għal ritratti meħuda minn *Google Maps* (liema ritratti r-rikorrenti jgħidu li m'humiex prova sufficjenti taż-żmien meta ttieħdu ġaladarba ma' għandhomx *timestamp* uffiċjali). Hija però qed tistrieħ fuq l-Ortho Imagery Photos tal-2012 u tal-2016 li juru li tabilħaqq it-tinda **li fuqha l-Awtorità imponiet multa ta' kuljum fl-Avviż ta' Waqfien u Twettiq** saret wara l-2012.

30. Ir-rikorrenti kemm fl-affidavit ta' Isaac Micallef u kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom iqajjmu ukoll l-punt illi jekk l-Awtorità eventwalment tissanzjona l-illegalitajiet in kwistjoni (fir-rigward ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni pendenti) dan is-sanzjonar isir bl-imposizzjoni ta' multi għall-illegalitajiet in kwistjoni. Għalhekk skond ir-rikorrenti il-multa ta' kuljum tkun waħda doppja u tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem* għaliex ir-rikorrenti jiġu penalizzati darbtejn għall-istess fatt. Il-Qorti ma' taqbilx. Primarjament jrid jintqal li f'dan l-istadju teżisti biss multa waħda u l-ebda multa oħra ma' ġiet imposta fuq ir-rikorrenti rigwardanti t-tinda in kwistjoni. Sussidjarment jrid jingħad ukoll illi kif sew intqal mill-abbli difensur tal-Awtorità intimata fit-trattazzjoni finali tagħha f'każ illi xi multa oħra tkun dovuta wara l-għoti mill-Awtorità ta' permess li jkopri l-iżvilupp milqut mill-Avviż ta' Waqfien u Twettiq, l-Awtorità tkun tenuta ai termini tal-proviso tal-Art.3(2) tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 tapplika biss waħda miż-żewġ multi u ċioe dik l-iktar waħda għolja **iżda mhux it-tnejn li huma**.

31. Finalment il-Qorti però tara illi l-ammont dovut lill-Awtorità abbażi tad-dikjarazzjoni taċ-*Chairman* Eżekuttiv tagħha tad-9 ta' Novembru 2018 għandu jiġi kkalibrat biex jirrifletti l-fatt illi għalkemm l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq fil-konfront tar-rikorrent Joseph Micallef ġie notifikat lilu fil-31 ta' Awwissu 2017, l-istess Avviż ġie notifikat lir-rikorrent l-ieħor Isaac Micallef fit-28 ta' Settembru 2017.

---

[14] Fol 90-91

32. Il-multa tkopri l-perjodu bejn 31 ta' Awwissu 2017 u t-8 ta' Ġunju 2018 ekwivalenti għal 281 ġurnata li minnha però tnaqqsu sittax-il ġurnata (stante illi l-multa tapplika sittax-il ġurnata wara n-notifika). Il-ġranet effettivi li matulhom iddekorriet il-multa għalhekk huma 265 ġurnata u l-multa kienet dik ta' € 2 kuljum għal total ta' €530.

33. Ġaladarba r-rikorrent l-ieħor Isaac Micallef ġie innotifikat bl-Avviż fit-28 ta' Settembru 2017 u peress illi l-multa ġiet maħruġa darba fil-konfront ta' kemm Joseph Micallef u kif ukoll Isaac Micallef, allura l-multa kellha tibda tiddekorri sittax-il ġurnata mill-aħħar notifika, ossia min-notifika ta' Isaac Micallef. Għalhekk il-multa kellha tkopri l-perjodu 28 Settembru 2017 (bil-multa tiskatta sittax-il ġurnata wara) sa' 8 Ġunju 2018 u kellha tkopri total ta' 253 ġurnata. Il-multa realment dovuta lill-Awtorità għall-perjodu in kwistjoni hija għalhekk dik ta' ħames mija u sitt euro (€506).

**Deċiżjoni**

34. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad it-talba tar-rikorrenti, tiddikjara illi l-ammont dovut lill-Awtorità bħala multa ta' kuljum rigwardanti l-iżvilupp speċifikat fl-Avviż ta' Waqfien u Twettiq EC/199/17 huwa dak ta' ħames mija u sitt euro (€ 506). Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur